Sommarju tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni

tat-30 ta' Jannar 2020

dwar il-proċeduri skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea

(Il-Każ AT.40433 — Merkanzija ċinematografika)

(notifikat bid-dokument C(2020) 359)

(It-test bl-Ingliż biss huwa awtentiku)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2020/C 133/08)

Fit-30 ta' Jannar 2020, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li tirrigwarda proċedura skont l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea. F'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ([1]), il-Kummissjoni qiegħda hawnhekk tippubblika l-ismijiet tal-partijiet u l-kontenut prinċipali tad-deċiżjoni, inkluża kull penali imposta, fid-dawl tal-interess leġittimu tal-impriżi fil-protezzjoni tas-sigrieti kummerċjali tagħhom.

1. **INTRODUZZJONI**

(1) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Comcast Corporation u lis-sussidjarji tagħha NBCUniversal LLC, Universal Studios Media LLC, Universal Studios Limited, DreamWorks Animation UK Limited, DreamWorks Animation LLC, DreamWorks Animation LLC u Universal Pictures (Shanghai) Trading Company Limited (minn hawn' il quddiem "Universal"), talli kisru l-Artikolu 101 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (it-"Trattat") u l-Artikolu 53 tal-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE").

(2) Fost l-oħrajn, Universal tilliċenzja d-drittijiet ta' proprjetà intellettwali tagħha, inklużi s-serje ta' films magħrufa sew, il-Minions u Jurassic World — lil partijiet terzi għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' merkanzija tad-ditta. Bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-25 ta' Settembru 2019, Universal ħadet sehem fi ksur uniku u kontinwu li kien jinvolvi l-implimentazzjoni u l-infurzar ta' sensiela ta' prattiki li jirrestrinġu l-bejgħ transfruntier attiv, passiv u online ta' merkanzija liċenzjata fiż-ŻEE tul territorji u gruppi ta' konsumaturi.

2. **DESKRIZZJONI TAL-KAŻ**

2.1. **Il-prodotti kkonċernati**

(3) Id-deċiżjoni tirrigwarda l-attivitajiet ta' Universal bħala liċenzjatur tal-proprjetà intellettwali tal-films tagħha stess. Universal tilliċenzja l-films tagħha lil impriżi oħra li jipproduċu u jqassmu diversi prodotti ta' merkanzija inklużi drittijiet ta' proprjetà intellettwali liċenzjati mill-films ta' Universal. Id-Deċiżjoni tikkonċerna prodotti ta' natura varjata, pereżempju ħwejjeġ, ġugarelli, rigali u aċċessorji, spiss imsejħa prodotti ta' merkanzija liċenzjata. Il-merkanzija liċenzjata ta' Universal tikkontribwixxi għall-promozzjoni tal-film li tirreferi għalih il-proprjetà intellettwali.

(4) Normalment, Universal tilliċenzja l-films proprjetarji tagħha direttament jew permezz ta' aġent. Irrispettivament mis-sistema użata għall-għoti tal-liċenzji, il-ftehimiet mad-detentur tal-liċenzja tipikament jinkludu wkoll dispożizzjonijiet li jirregolaw id-distribuzzjoni tal-prodotti li fuqhom jiġi applikat id-dritt ta' proprjetà intellettwali liċenzjata. Elementi oħra preżenti b'mod konsistenti fil-ftehimiet ta' liċenzjar ta' merkanzija ta' Universal jinkludu:

(a) *Kamp ta' applikazzjoni territorjali:* Universal ġeneralment tagħti l-liċenzji fiż-ŻEE għal pajjiż speċifiku wieħed jew iktar fuq bażi mhux esklussiva, għalkemm fil-prattika ġeneralment ikun hemm sovrappożizzjoni limitata bejn il-prodotti u t-territorji fil-ftehimiet tad-detenturi ta'liċenzja;

(b) *Kanali għad-distribuzzjoni tal-prodotti:* Il-ftehimiet ta' liċenzja ta' kummerċjalizzazzjoni mhux esklussivivi ta' Universal jinkludu lista ta' kanali ta' distribuzzjoni li permezz tagħhom id-detentur tal-liċenzja jista' jiddistribwixxi l-prodotti, li f'ċerti każijiet huma definiti b'mod ristrett u li jillimita d-distribuzzjoni lil klijenti jew gruppi ta' klijenti speċifiċi; fil-prattika ġeneralment hemm sovrappożizzjoni limitata bejn il-prodotti u l-mezzi għad-distribuzzjoni fil-ftehimiet mad-detenturi ta' liċenzja;

([1]) ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 411/2004 (ĠU L 68, 6.3.2004, p. 1).

(c) *Kumpens finanzjarju li għandu jitħallas mil- liċenzjatarju:* Il-ftehimiet ta' liċenzja ta' Universal jistipulaw li l-liċenzjatarji jħallsu lil Universal ċertu ammont bħala ħlas għall-għoti tal-liċenzja għad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali.

(5) Dawn il-ftehimiet ta' liċenzjar relatati ma' merkanzija u b'mod aktar wiesa', ir-relazzjonijiet li huma mibnija fuq il-bażi ta' dawn il-ftehimiet, huma l-punt fokali tad-deċiżjoni.

2.2. **Proċedura**

(6) F'Settembru 2016, il-Kummissjoni bagħtet talba għal informazzjoni lil Universal.

(7) Permezz ta' deċiżjoni tal-14 ta' Ġunju 2017, il-Kummissjoni bdiet proċeduri kontra Comcast Corporation u s-sussidjarji tagħha, fosthom NBCUniversal Media LLC. L-iskop tal-bidu tal-proċedimenti kien li jiġi investigat jekk Universal kellhiex fis-seħħ ftehimiet u/jew applikatx prattiki li jipprevjenu jew jirrestringu l-bejgħ ta' merkanzija liċenzjata fiż-ŻEE. Fid-29 ta' Novembru 2019 il-Kummissjoni adottat deċiżjoni oħra biex tibda proċedimenti f'konformità mal-Artikolu 2(1) tal-istess Regolament (KE) Nru 773/2004 kontra tmien sussidjarji oħra ta' Comcast Corporation.

(8) Fil-25 ta' Settembru 2018 il-Kummissjoni wettqet spezzjonijiet għal għarrieda fl-uffiċċji ta' NBUniversal Media LLC f'Londra, ir-Renju Unit.

(9) Fit-13 ta' Novembru 2019, Universal ressqet offerta formali biex tikkoopera fid-dawl tal-adozzjoni ta' deċiżjoni skont l-Artikolu 7 u l-Artikolu 23 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 ("is-sottomissjoni għal riżolviment").

(10) Fid-29 ta' Novembru 2019, il-Kummissjoni adottat Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet indirizzata lil Universal. Fis-16 ta' Diċembru 2019, Universal ippreżentat ir-risposta tagħha għad-Dikjarazzjoni ta' Oġġezzjonijiet.

(11) Il-Kumitat Konsultattiv fil-qasam tal-Prattiki Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti ħareġ opinjoni favorevoli fit-23 ta' Jannar 2020.

(12) L-Uffiċjal tas-Seduta ħareġ ir-rapport finali tiegħu dwar il-każ fl-24 ta' Jannar 2020.

(13) Il-Kummissjoni adottat din id-deċiżjoni fit-30 ta' Jannar 2020.

2.3. **Sommarju tal-ksur**

(14) Serje ta' prattiki li jirrestringu l-bejgħ attiv u passiv ta' merkanzija liċenzjata madwar it-territorji u l-gruppi ta' klijenti ġew stabbiliti fin-negozju tal-merkanzija ta' Universal. Dawn il-prattiki kienu jikkonċernaw kemm il-bejgħ offline kif ukoll il-bejgħ online ta' prodotti ta' merkanzija liċenzjata fiż-ŻEE. Id-deċiżjoni tkopri t-tipi ewlenin ta' restrizzjonijiet li ġejjin:

(a) *Miżuri diretti li jirrestringu l-bejgħ md-detenturi ta' liċenzja*, bħal (i) projbizzjonijiet ta' bejgħ passiv barra mit-territorju; (ii) projbizzjonijiet ta' bejgħ attiv barra mit-territorju; (iii) il-projbizzjoni ta' bejgħ online; (iv) obbligi ta' notifika ta' Universal ta' bejgħ barra t-territorju; (v) l-użu ta' rekwiżiti tal-lingwa biex jiġi ristrett il-bejgħ barra mit-territorju; (vi) projbizzjoni ta' bejgħ barra mill-gruppi ta' klijenti allokati; (vii) l-obbligi li jitħallas id-dħul ta' Universali iġġenerat mill-bejgħ lil hinn mit-territorji u l-gruppi ta' klijenti allokati.

(b) *Miżuri indiretti li jirrestringu l-bejgħ mid-ditenturi ta' liċenzja*: għadd ta' miżuri kienu wkoll fi żminijiet implimentati bħala mod indirett biex tiġi inkoraġġita l-konformità mar-restrizzjonijiet għal bejgħ lil hinn mit-territorji u l-gruppi ta' klijenti allokati. Dawn il-miżuri kienu jinkludu t-twettiq ta' awditi u n-nuqqas ta' tiġdid tal-kuntratti.

(c) *L-obbligu li r-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ jiġu mogħdija*, sabiex jiġi ggarantit li kwalunkwe parti terza li tbigħ merkanzija liċenzjata ta' Universal tkun ukoll konformi mar-restrizzjonijiet territorjali u tal-klijenti.

(15) Bis-saħħa ta' din is-sensiela ta' prattiki, Universal irrestrinġiet il-kapaċità tad-detenturi ta' liċenzja li jbigħu merkanzija liċenzjata b'mod transfruntiera u fost gruppi ta' klijenti. Dan il-ksur uniku u kontinwu seta' wassal għal tnaqqis fl-għażla disponibbli għall-konsumaturi u għal prezzijiet ogħla marbuta direttament ma' livell ta' kompetizzjoni aktar baxx. Min-natura tagħha stess din l-imġiba tikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni bi skop skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat.

(16) Id-deċiżjoni ssib ukoll li l-imġiba ma tissodisfax il-kundizzjonijiet għal eżenzjoni previsti fl-Artikolu 101(3) tat-Trattat u fl-Artikolu 53(3) tal-Ftehim ŻEE.

2.4. **Destinatarji u durata**

(17) Id-Deċiżjoni hija indirizzata lil Comcast Corporation, NBCUniversal LLC u NBCUniversal Media LLC bħala kumpaniji prinċipali, kif ukoll lil ċerti sussidjarji tagħhom involuti fin-negozju tal-merkanzija fiż-ŻEE: Universal Studios Licensing LLC, Universal Studios Limited, DreamWorks Animation UK Limited, DreamWorks Animation Publishing LLC, DreamWorks Animation LLC, DreamWorks Animation LLC u Universal Pictures (Shanghai) Trading Company Limited.

(18) It-tul ta' żmien tal-ksur huwa mifrux bejn l-1 ta' Jannar 2013 u l-25 ta' Settembru 2019, data meta Universal bagħtet ittri li jinfurmaw lid-detenturi tal-liċenzji kollha tagħha li dawk ir-restrizzjonijiet fuq il-bejgħ fil-ftehimiet tagħha ma baqgħux japplikaw fiż-ŻEE.

2.5. **Rimedji u multi**

(19) Id-deċiżjoni tiżvela li Universal temmet il-ksur fil-25 ta' Settembru 2019 u Universal hija ordnata żżomm lura minn kwalunkwe ftehim jew prattika miftiehma li jista' jkollhom skop identiku jew simili jew effett identiku jew simili. Il-Kummissjoni tqis ukoll li l-ksur sar intenzjonalment, u mill-inqas b'negliġenza, u li jeħtieġ li tiġi imposta multa.

2.5.1. *L-ammont bażiku tal-multa*

(20) Sabiex tiġi kkalkulata l-multa, id-deċiżjoni tuża l-ammont ta' royalties miġbura minn Universal waqt l-aħħar sena sħiħa tal-ksur (2018). Il-valur tal-bejgħ huwa bbażat fuq ir-royalties irċevuti minn Universal mid-detenturi ta' liċenzja tagħha għall-bejgħ ta' merkanzija liċenzjata fiż-ŻEE. Dawn ir-royalties jirrappreżentaw id-dħul ta' Universal min-negozju tal-merkanzija liċenzjata tagħha u jitħallsu lil Universal bi skambju għall-użu tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali liċenzjata.

(21) Min-natura tagħhom stess ir-restrizzjonijiet ta' bejgħ barra mit-territorji allokati u gruppi ta' konsumaturi jirrestrinġu l-kompetizzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat. Madankollu, ġeneralment ir-restrizzjonijiet vertikali jagħmlu anqas ħsara minn dawk orizzontali. Il-"perċentwal tal-gravità" ġie stabbilit għal 8 % tal-valur tal-bejgħ ta' Universal.

2.5.2. *Ċirkustanzi aggravanti u mitiganti*

(22) Ma hemm l-ebda ċirkustanza aggravanti jew mitiganti f'dan il-każ.

2.5.3. *Deterrenza*

(23) Il-Kummissjoni ma tapplikax multiplikatur ta' deterrenza għaliex f'dan il-każ mhuwiex iġġustifikat.

2.5.4. *Applikazzjoni tal-limitu tal-fatturat ta' 10 %*

(24) Il-multa kkalkulata ma taqbiżx l-10 % tal-fatturat dinji ta' Comcast Corporation.

2.5.5. *Tnaqqis tal-multa fid-dawl ta' kooperazzjoni*

(25) Bi skambju għall-kooperazzjoni ta' Universal, id-deċiżjoni tagħti tnaqqis ta' 30 % fuq il-multa skont il-punt 37 tal-Linji Gwida dwar il-Multi. Minn mindu impenjat ruħha għall-koooperazzjoni, Universal ikkooperat mal-Kummissjoni lil hinn mill-obbligu legali tagħha li tagħmel dan billi tirrikonoxxi l-ksur, kif ukoll billi tipprovdi evidenza addizzjonali lill-Kummissjoni, u b'hekk issaħħaħ sa ċertu punt il-kapaċità tagħha li tipprova l-ksur, u tneħħi ċerti drittijiet proċedurali li jirriżultaw f'effiċjenzi amministrattivi.

3. **KONKLUŻJONI**

(26) Universal kisret l-Artikolu 101(1) tat-Trattat u l-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE billi pparteċipat fi ksur uniku u kontinwu rigward il-merkanzija liċenzjata. Il-ksur kopra ż-Żona Ekonomika Ewropea kollha, u kkonsista fl-implimentazzjoni u l-infurzar ta' sensiela ta' ftehimiet u prattiki bil-għan li jirrestriġu l-bejgħ transfruntier ta' merkanzija liċenzjata, kemm offline kif ukoll online.

(27) L-ammont finali tal-multa li għandha tiġi imposta fuq Universal skont l-Artikolu 23(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 għandu jkun EUR 14,327,000.

(28) Comcast Corporation, NBCUniversal LLC, NBCUniversal Media LLC u Universal Studios Licensing LLC għandhom jinżammu responsabbli għall-ammont totali ta' din il-multa, filwaqt li Universal Studios Limited għandha tinżamm responsabbli biss għall-perjodu li jibda fis-6 ta' Ġunju 2014, id-data tal-inkorporazzjoni tagħha, DreamWorks Animation UK Limited, DreamWorks Animation Publishing LLC, DreamWorks Animation LLC u DreamWorks Animation Licensing LLC għall-perjodu li jibda mill-22 ta' Awwissu 2016, li fih ġew akkwistati minn Comcast Corporation u Universal Pictures (Shanghai) Trading Company Limited għall-perjodu li jibda mill-21 ta' Ottubru 2016, li fih ġiet inkorporata.